# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1413/98mm**

**Maurice Cordina ghal Cordina Insurance Agency Ltd u din ghal Black Sea and Baltic General Insurance Co Ltd kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomici u l-Industrija**

**vs**

**Dr Joseph P Bonello LL.D.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur nomine fis-16 ta' Lulju 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm927.70 (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni minnu mgarrba in

segwitu ghal incident stradali li gara Haz-Zebbug fit-2 ta' April 1997 bejn il-car nru CAD 665 u car N 1995 misjuqa mill-Onor Dr John Attard Montaldo - prevja dikjarazzjoni li huwa kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti meta kien qed isuq car nru CAD 665. L-istanti ghamel fronti ghad-danni minnhabba "comprehensive policy of insurance" vis-a-vis il-car N 1995.

Bl-ispejjez komprizi Lm21 konsult u ittri, dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 1998 lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz prezenti ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Dr John Attard Montaldo, li kien qed isuq il-vettura assigurata ma' l-

attur fil-hin ta' l-incident, kif jista jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din  il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara go Mamo Street Haz Zebbug vicin il-kappella bejn il-karozza N-1995 misjuqa minn Dr John Attard Montaldo u l-karozza CAD 665 misjuqa mill-konvenut Dr Joseph Bonello. Irrizulta illi z-zewg karozzi kienu qed jinstaqu kontra xulxin u meta gew fil-Y Junction habtu.

Dr Attard Montaldo qal illi huwa kien qed isuq il-karozza tieghu go Mamo Street fid-direzzjoni tal-kappella meta f'daqqa wahda filwaqt li gie fil-Y Junction hass daqqa fuq in-nahha ta' wara u ra li kien involut fil-kollizzjoni ma' karozza ohra misjuqa mill-konvenut illi harget mill-Y Junction u baqghet diehla fuqu.

Il-konvenut pero' jghid illi wasal hdejn il-kappella u waqaf magemb Landrover illi kien hemm ipparkjata fuq in-nahha tax-xellug tat-triq. Kif kien hekk wieqaf, ra l-karozza misjuqa minn Dr Attard Montaldo gejja mid-direzzjoni opposta u dana ghadda sbrixx minn quddiemu. Il-konvenut ighid illi f'hin minnhom ra l-karozza l-ohra tigbed lejn ix-xellug biex tipprova tevitah izda kien ghal xejn u gara l-incident.

Dr Attard Montaldo fil-claim illi ghamel lill-assikurazzjoni, filwaqt li kkonferma x-xhieda illi ta quddiem din il-Qorti ghamel skizz zghir ta' l-inhawi kif gara l-incident. Filwaqt li l-kappella u t-toroq huma ndikati l-istess bhal ma ghamel is-surgent, il-Y Junction hija aktar attenwata fl-isketch  illi ghamel Dr Attard Montaldo, b'tali mod illi t-triq minn fejn kien ghaddej hu tidher aktar importanti minn triq ohra li kien qed juza l-konvenut. Fiz-zewg sketches hemm indikati zewg karozzi pparkjati. Wahda fuq in-nahha fejn kien hiereg il-konvenut u l-ohra n-nahha l-ohra tat-triq minn fejn kien ghaddej Dr Attard Montaldo. Dawn iz-zewg karozzi pparkjati huma kwazi kontra xulxin fil-parti d-dejqa tat-triq fejn allura l-parti karreggjabbli tidjieq aktar u l-utenti tat-triq ikunu jridu jersqu lejn xulxin biex jevitaw dawn il-karozzi pparkjati gia ndikati.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti fliet sew il-komportament tas-sewwieqa nvoluti f'dan l-incident u ftit hemm x'ticcensura f'dan l-operat. Dr Attard Montaldo kien qed isuq ghad-dritt mentri l-iehor kien hiereg minn Y Junction  biex jidhol fi triq principali u gustament waqaf fit-tarf biex jesplora t-triq. Il-landrover li kienet ipparkjata magemb it-triq ma ghamlitx is-sitwazzjoni facli ghalih ghax minhabba f'hekk kellu jesporgi xi ftit 'l barra. Kien proprju dak il-hin illi nzerta ghaddej Dr Attard Montaldo u sar l-incident pero' l-Qorti jidhrilha illi l-konvenut kien daqsxejn imprudenti meta waqqaf il-karozza tieghu proprju magemb il-Landrover illi kienet ipparkjata.

Kien hemm spazju aktar lura fejn setgha jieqaf u ma jostakolax il-perkors tal-karozzi illi kienu qed javvicinaw go Mamo Street. Minkejja illi l-komportament tieghu kien korrett, hija l-posizzjoni tal-karozza tieghu illi mhijiex korretta. Il-mizuri li messu ha l-konvenut messu hadhom ftit qabel ma pogga l-vettura tieghu f'dik il-posizzjoni fejn allura ma kienx ser ikun ta' ostakolu ghall-karozzi gejjin minn faccata u li se jsuqu ghad-dritt. Il-konvenut bhal ma nduna bil-Landrover ipparkjata fuq ix-xellug tieghu

messu nduna wkoll bil-karozza l-ohra pparkjata n-nahha l-ohra tat-triq fejn allura l-parti karreggjabbli tidjieq aktar milli fil-fatt kienet. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ma messux sporga daqshekk go Mamo Street u l-mizuri li ha messu hadhom qabel ma wasal hdejn il-Landrover u mhux waqaf daqshekk sporgut kif indikat fl-iskizz. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi minkejja illi hemm nuqqasijiet zghar ghalxiex il-konvenut ghandu jirrispondi, dawn in-nuqqasijiet kienu bizzejjed sabiex iwasslu ghal dan l-incident li allura ghandu jwiegeb ghalih hu. Ghal dawk illi huma d-danni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Gew esibiti l-ircevuti relattivi kollha u l-ammont mitlub f'dan l-avviz jidher li huwa gustifikat.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident li gara Haz Zebbug go Mamo Street fit-2 ta' April 1997 bejn il-karozza CAD 665 minnu misjuqa u l-karozza numru N 1995 misjuqa mill-Onor Dr John Attard Montaldo u dana minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' disa mija u sebgha u ghoxrin lira u sebghin centezmi u konsegwentement

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg